# IŻ-ŻGĦOŻIJA

U tidher l-ewwel xagħra bajda
kif xuxtek iħabbillek ftit ir-riħ,
u tgħid: "is-snin għaddew
u jiena bdejt nixjieħ."

U tħares lejn il-mera
u ssib fil-wiċċ tikmix
u taħt għajnejk il-boroż
li b'xejn ma jillixxaw.

Wasalna s'hawn.

Il-ħajja
mhix kemm iddum fid-dinja,
il-ħajja fiż-żgħożija ...
Ħela ta' żmien il-bqija.
U tħares lejn persuntek
u ssib li ż-żaqq rabbejt,
u l-ħeffa ġa naqsitlek
li kellek int f'riġlejk.

Tistaqsi bħal belhani
lilek innifsek x'ġara,
kif int m'għadikx ta' dari.
Dari?
Ftit tas-snin ilu
int ma kontx int ta' llum.

U x'ħadt mill-ħajja tiegħek
jekk ħlejt fix-xejn żgħożitek?
Jekk qatt ma doqt il-ħlewwa
tan-nisa sbieħ,
tas-safar, ta' l-ikel bnin ifewwaħ
ġol fided fuq l-imwejjed?
Jekk qatt ma doqt l-inbejjed
minn kalċijiet tad-deheb?

X'baqagħlek issa?
Tkaxkar il-jiem tal-għomor tiegħek
waħdek, bla qatt titwennes
bl-imħabba tal-ħbieb veri
li jfittxu jieqfu miegħek.

Waqt hi ż-żgħożija, ħolma
li taħrab minn idejk
jekk ma tagħrafx taħfinha
kif ħiemda tersaq lejk.

Holma li trid taħkimha u tgħid:
Hawn hi f'idejja,
inżommha l-ftit li nista'
qabel ma tibqa' għaddejja."
U tgħid ukoll: "Din hija ,
ħalli ngawdiha llum,
għada minn idi taħrab
kif jaħrab dlonk il-jum,
u 'l qalbi tħalli biss
taħbit li jgħodd is-siegħa
tal-mewt li lili tmiss."

Il-ħajja frugħa u niket
għax ir-rebbiegħa tagħha
qasira wisq u tqarrqek
kif sbejħa inti tilmaħha.

Qisha miraġġ li jidher
f'deżert u mbagħad igħib f'daqqa,
ilma li l-ġnien iħalli
għatxan, niexef, bla jissaqqa.

**ALBERT M. CASSOLA.**